MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 832/2005

**Charles Bartolo (ID No. 823634M)**

**vs**

**Victor Chetcuti (ID No. 580257M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta' Settembru 2005 fejn espona: -

Illi, l-attur sellef is-somma ta' tmient elef Liri Maltin (Lm8,000.00) lill-konvenut konsistenti b'self brevi manu f'Settembru 2001;

Illi, l-konvenut ta erba' cekkijiet lill-attur liema cekkijiet jgibu in-numri 2431, 2432, 2433, 2434 mahrugin bejn it-30 ta' Settembru 2001 sal-31 ta' Marzu 2002 liema cekkijiet

ammontaw ghas-somma ta' Lm8,000.00 lill-attur pero' dawn ic-cekkijiet ma ssarrfux mill-bank u dan skont kif jidher mill-anness Dok “CB 1” u “CB 2”;

Illi, minn dan l-ammont il-konvenut ghadu ma hallas xejn u ghalhekk id-debitu ghadu kollu dovut *oltre* l-imghax mit-30 ta' Settembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv;

Illi, ghalkemm interpellat biex jhallas, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi, dan id-debitu tal-konvenut fil-konfront tal-attur, huwa cert, likwidu u skadut *ai termini* tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess attur jikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tal-attur il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Jghid il-konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti ;

1. Tiddikjara l-konvenut debitur tal-attur fis-somma ta' Lm8,000;

2. Tikkundanna lill-konvenut jhallas s-somma hekk likwidata;

3. Tiddeciedi l-kawza bid-dipensa tas-smigh *ai termini* tal-Art 167 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-imghax legali mit-30 ta' Settembru 2001 u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali u tal-mandati pprezentati kontestwalment, kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2005.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Victor Chetcuti datata 28 ta’ Ottubru 2005 (fol 16) fejn espona: -

1. IIIi l-eccipjent qatt ma ssellef flus minghand l-attur.

2. Illi l-ammont reklamat huwa rizultat ta' obligazzjoni maghmula f' “causa” illecita ghax tirrapprezenta garanzija ghall-hlas ta' somma akbar dovuta minn Mark Chetcuti, bin l-eccipjent, fuq loghob klandestin u illegali li kien involut fih l-istess Mark Chetcuti.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur datata 27 ta’ Frar 2008 a fol 68 tal-process.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet responsiva tal-konvenut Victor Chetcuti datata 2 ta’ April 2008 a fol 75 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ April 2008 (fol 80) mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukat Peter Fenech ghall-attur ghamel xi sottomissjonijiet ulterjuri b’riferenza ghan-nota responsiva mressqa mill-konvenut fit-2 ta’ April 2008. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghad-9 ta’ Ottubru 2008.

Rat in-nota tal-Avukat Peter Fenech ghan-nom tal-attur Charles Bartolo datata 11 ta’ Settembru 2012 a fol 92 tal-process li permezz taghha ddikjara li qed jirrinunzja ghall-patrocinju legali tal-attur Charles Bartolo; u n-nota ta’ Dr Tonio Azzopardi datata 14 ta’ Settembru 2012 (fol 93) li permezz taghha qed jassumi l-patrocinju tal-attur Charles Bartolo minflok Dr Peter Fenech.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mid-9 ta’ Ottubru 2008 sal-31 ta’ Ottubru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghall-14 ta’ Frar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Frar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-partijiet u d-difensuri

taghhom msejhin tliet darbiet baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta’ Gunju 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-kawza odjerna titratta dwar talba ghar-restituzzjoni ta' self *brevi manu* li l-attur jghid li avvanza lill-konvenut. L-attur jghid li l-konvenut ghaddielu erba' cekkijiet li, fl-assjem taghhom, jammontaw ghall-ammont misluf, izda dawn ma ssarfux. *Nonostante* nterpellazzjoni l-attur baqa' ma thallasx.

Il-konvenut eccepixxa li qatt me ssellef flus minghand l-attur u li l-ammont reklamat huwa rizultat ta' obligazzjoni b'*causa illecita* ghaliex tirraprezenta garanzija ghall-hlas ta' somma akbar dovuta minn Mark Chetcuti, iben il-konvenut, fuq loghob klandestin u llegali li kien involut fih.

### (A) PROVI PRODOTTI.

**Charles Bartolo** xehed[1] li kien *licensed bookmaker* fis-sena 2001 u kien silef ammonti sostanzjali lil certu Michael Bonnici. Dan generalment kien ihallsu izda darba gablu erba' cekkijiet *post dated*. Sussegwentement meta bdew jimmaturaw, qallu li kien ser ikollu problema biex isarrafhom ghaliex min harighom ma kellux flus. Gablu l-konvenut biex ikellmu u "*minhabba f'hekk sar arrangament biex dik is-sensiela ta' cekks tigi sotitwita, fosthom b'erba' cekks li jiffurmaw il-mertu ta' din il-kawza*."

B'kollox tah 16-il cekk u l-erba' mertu tal-kawza, huma l-ahhar tas-sensiela.

Is-sensiela originali li kien tah Michael Bonnici kienu iffirmati mill-mara ta' Mark Chetcuti iben il-konvenut. Dan issemma' mieghu izda la jafu u lanqas tkellem mieghu. Ic-

[1] Fol.16 tal-process.

cekkijiet tal-ewwel sensiela kien ghaddihom lill-konvenut. Ghar-rigward tal-erba' cekkijiet li baqghu ma ssarfux kien icempel lill-konvenut diversi drabi u kien jghidlu biex jiehu pacenzja ghaliex in-negozju ma kienx sejjer tajjeb.

"*Dawn ic-cekkijiet kienu gew mghoddijin lili mill-konvenut fl-okkazzjoni li hu w Bonnici kienu gew id-dar tieghu u kienet l-istess okkazzjoni li kont ghaddejtlu (lill-konvenut) c-cekkijiet li Bonnici kien ghaddieli qabel...Victor Chetcuti tani ic-cekkijiet l-ohrajn biex jaghmel tajjeb minnflok ic-cekkijiet ta' qabel.*"

**In-Kontro-Ezami** ikkonferma li qatt ma ta flus kemm lill-konvenut u lanqas lil ibnu. Ma kienx jaf jekk il-flus dovuti minn Mark Chetcuti kienux fuq loghob klandestin. Ma kienx jaf ghaliex il-hlasijiet jew cekkijiet illi hargu f'isem Mark Chetcuti ghaddew ghandu. Michael Bonnici kien debitur tieghu izda ma saret ebda kitba la dwar dan id-dejn u lanqas dwar l-assenjazzjoni tad-dejn. Iic-cekkijiet li originarjament inghaddu lilu kienu "*parti mill-ammont li Michael Bonnici kellu jaghtih*". Cahad li l-flus ta' Mark Chetcuti kienu dovuti fuq loghob klandestin "*ghax ma nafx..Jiena nghid li Michael Bonnici kien jghini fix-xoghol li kelli bhala 'licensed bookmaker' il-Marsa u ma nafx ghalhekk il-hlasijiet jew ic-cekkijiet illi hargu f'isem Mark Chetcuti ghaliex ghaddew ghandi.*"

**Michael Bonnici** xehed[2] li huwa habib tal-attur u kien jghinu il-Marsa f'dak li ghandu x'jaqsam mat-tigrijiet taz-zwiemel. Gieli silfu xi flus u kien ghad baqaghlu jaghtih. Kien habib ta' Mark Chetcuti u kienu jiltaqghu Bugibba. Skont dan ix-xhud Mark Chetcuti kellu problemi familjari u talbu jitkellem mal-attur biex iselfu xi flus. Ix-xhud ipprokura self minghand Charles Bartolo u Mark Chetcuti hariglu sensiela ta' cekkijiet *post dated.* "*Jiena irrid niccara illi l-flus kont ridthom ghalija imma dawn kont ghaddejthom lil Mark Chetcuti.*" Ic-cekkijiet kienu mahrugin mill-mara ta' Mark Chetcuti u ghaddihom lill-attur.

[2] A fol. 20 tal-process.

Skont ix-xhud kien il-konvenut li kien ikkuntattjah ghaliex riedu jroddlu lura c-cekkijiet. Hu laqqghu mal-attur fid-dar tieghu biex johroglu cekkijiet biex "*jaghmel tajjeb ghad-dejn tat-tifel imbasta lit-tifel ma nikkawzawlux problemi u inhalluh bi kwietu."* Hareg cekkijiet li gew mibdula ma dawk tat-tifel li kien ghadda lill-attur qabel.

**In Kontro-ezami** qal li bhala xoghol jghin lil missieru jaqta' ix-xaghar b'paga ta' Lm100 fil-gimgha. Hu mizzewweg bit-tfal u l-familja tieghu hija dipendenti fuqu ekonomikament. L-attur sellfu bejn wiehed u iehor Lm2000 jew Lm3000 u kien ihallsu lura u jerga' isellfu hafna drabi. Is-somma li talbu f'isem Mark Chetcuti kienet ta' Lm30,000 u l-attur saqsih ghaliex kien qed jissellef somma daqshekk kbira meta s-soltu l-ammonti jkunu izghar. Pero` kien jafdah ghax kien ser ihallsu zgur. Din is-somma ta' Lm30,000 ghaddihomlu fi flus kontanti gewwa *envelope* u ghaddihom lil Mark Chetcuti f'daqqa. Ikkonferma li Mark Chetcuti minghand l-attur qatt ma ssellef flus. Qal ukoll li "*Meta kont involut jien jew safejn naf jien, il-konvenut ma ssellifx flus minghand l-attur."*

"*Jien nichad li Mark Chetcuti kien jilghab il-futbol klandestin mieghi...Nichad li jiena 'runner' tal-attur."*

**Xehed il-konvenut Victor Chetcuti[3].** Cahad li kien issellef xi flus minghand l-attur. Fis-sena 2000 cempillu Father Mario u nsista li jmur ikellmu fil-kunvent Ta' Xbiex. Hemmhekk sab lil ibnu Mark. Fr Mario qallu li t-tifel kellu problema kbira tal-loghob u kien tilef somma kbira tal-flus, ma kellux biex ihallas u pannikja. Mark qallu li matul l-1999 qabad il-vizzju tal-loghob ma' certu Michael Bonnici li kien ir-*runner* ta' Charles Bartolo u kien jilghab il-*football* u l-Lottu. Bonnici beda jigri warajh biex ihallsu u ma kellux flus, ghalhekk ghamillu erba' cekkijiet *post dated.* Ibnu qallu li bdew jhedduh ghall-flus. Sussegwentement it-tifel dahal f'programm tal-*Caritas* u wara f'*Oasi* f'Ghawdex fejn kien ghadu jattendi.

---

[3] Fol.34 tal-process.

Iltaqa' ma Bonnici u qallu "*Kif kellek il-hila li thallih jilghab daqshekk flus?*" Irrispondih:

"*Meta bniedem ikun tellief, huwa difficli li ggaghlu jieqaf ghaliex huwa dejjem jibqa' jigri wara flusu sabiex igibhom lura."..*"*Qalli l-flus ma kienux tieghu..kull ma kien ir-'runner' ta' Charles Bartolo, jigifieri jien kull ma ridt nirranga, riedna immorru inkellmu lil Charles biex nirrangaw bejnietna.*"

Huma iltaqghu il-Wardija fi Frar jew Marzu tas-sena 2000. Bartolo urieh ic-cekkijiet u qallu li ibnu m'ghandux flus biex ihallashom. Qallu li dan mhux problema tieghu – il-flus kien sellifhomlu u riedhom. Dawn ic-cekkijiet *blank* kienu tal-mara. Bartolo urihomlu u "*beda t-theddid, beda jghidli li mhux sa jhalluh bi kwietu. Ghidtlu ejja naraw kif ser nirrangaw u naraw kif naghmlu u nhallas jien. Fil-fatt hekk ghamilt. Tani c-cekijiet u tajtu erbatax-il cekk.... l-ewwel wiehed ta' Lm10,000 u l-kumplament jissarfu kull xahrejn..ta' Lm2000 il-wiehed..,tlettax-il wiehed ta' Lm2000. Jigifieri s-somma kienet ta Lm36,000. Ghamilli kundizzjoni ohra...li c-cekkijiet ma jmurx isarrafhom il-bank, jigi ghandi l-hanut, jiena naghtih il-flus u hu jaghtini c-cekk, u fil-fatt hawn ic-cekkijiet kollha li lhaqt sarraftlu.*"[4]

Sa' **Dok. VC9** baqa' isir hekk ghaliex l-attur tah l-ahhar cekk bi zvista *cioe*` jigi l-hanut u jiskambjalu c-cekk ma' flus, u t-talba fic-citazzjoni tikkostitwixxi l-4 cekkijiet bejn **VC9 u VC10.**

Il-konvenut qal li kien jibqa' ihallas imma n-negozju tieghu waqaf hesrem u l-attur qallu diversi drabi li kien lest jistenna u f'daqqa wahda rcieva c-citazzjoni.

Il-konvenut qal ukoll li kien qallu lill-attur ir-raguni ghaliex ibnu kellu jaghti dawn il-flus."*Ghidtlu ghaliex hallieh jilghab daqshekk...u Charles heles minnha u qalli' mhux jiena, ma' dak laghab u mhux mieghi..*" b'referenza ghal Michael Bonnici.

---

[4] **Dok VC1-VC10**

**Xehed Mark Chetcuti**[5]. Michael Bonnici li kien jafu, qallu li kien qed izomm xi *football*, lotto u *super 5* u beda jilghab mieghu. "*Ghal bidu kien jilghab ammonti zghar..loghob tal-karta li kien illegali*". Kien jirbah ammonti zghar u imbaghad beda jarah bhala *easy money* u ittenta ammonti akbar. Kien jilghab mieghu bit-telefon. L-ammont li kien jitlef bdew jizdiedu u Michael Bonnici qatt ma kien jghidlu biex ihallsu.

"*Fi ftit xhur kwazi kienet telghet Lm36000. F'daqqa wahda cempilli u ghamilli full stop li qed jigri warajh ghall-flus minghand min kien qieghed jilghabhom u irid il-flus..Flus ma kellix biex inhallsu..Kien haddiem bil-paga."* Xehed li Bonnici beda jheddu u kien qallu li kien ghamel il-karta ghall-Charles Bartolo u dan Bartolo ried il-flus. Waqqaflu il-loghob imma qallu li ried garanzija ta' xi haga u ghalhekk ix-xhud offra ic-cekkijiet. Bonnici qallu li kien ser jkellem lill-attur u wara qallu li kien ser jaccetta ic-cekkijiet.Hu lanqas *cheque book* ma kellu imma ried itawwal iz-zmien u ha erba' cekkijiet tal-mara *ad insaputa* taghha ta' xi Lm9,000 il-wiehed. Ic-cekkijiet ghamilhom "*open minghajr isem tal-payee."* Kien hemm firma biss u Lm9,000 fil-kaxxa iz-zghira.

Hu ddispra ghaliex martu kienet ser tinduna u ghalhekk tkellem ma' Fr Mario u minn dak iz-zmien, wara li tkellem ma' missieru dahal f'programm tal-*Caritas* u baqa' jattendi il-*Gambling Anonymous.* Spjega li c-cekkijiet ma kienux konsekuttivi.

Wara li sar jaf missieru, beda jitkellem ma' Bonnici. Ix-xhud ma kienx prezenti. Rigward ic-cekkijiet li kien ghadda lil Bonnici, qal li kien jaf li missieru partathomlu. Ic-cekkijiet qatt ma riedhom lura li ma jmurx issibhomlu l-mara, u kien anke spicca biex qatta' ic-*chequebook.*

Xehed **Fr. Mario Borg** b'affidavit[6] u ikkonferma li ghall-bidu tas-sena 2000 kellmu Mark li kellu problema fis-sens li kien qed jilghab ammonti kbar tal-flus u li kien tilef

[5] Fol.41 tal-process.
[6] A fol. 54 tal-process.

somma kbira."*Deher eccitat hafna u ma kienx jaf fejn se jaqbad jaghti rasu."* Ikkonferma li cempel lill-konvenut.

Xehed **Raymond Schembri**[7] *bookmaker* il-Marsa. Hu u l-attur kienu shab bhala *bookmakers* il-Marsa. Spjega li jircievu il-*bets* minnghand in-nies fuq it-tigrijiet taz-zwiemel. Cahad jekk kienx jircievi l-*bets* fuq attivitajiet sportivi ohrajn. L-ammonti kienu ivarjaw bejn Lm10 sa' Lm500. Hu u l-attur kienu ghaddejjin fi proceduri tal-Pulizija fuq akkuza ta' loghob illegali f'xi *bar*. Charles Bartolo ma kienx prezenti imma l-post tieghu u l-lavranti tieghu. Dan kien jirrigwarda *betting* fuq iz-zwiemel tal-Ingilterra.

## B) KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

Qabel xejn il-Qorti tinnota li f'din il-kawza gew issollevati kawzali guridici diversi in sostenn tat-talbiet attrici. Difatti, kawza li bdiet fuq bazi ta' self *brevi manu*, bhala l-kawzali, inbidlet f'wahda imsejsa fuq *novatio ex parte debitoris* fl-istadju finali taghha. Difatti, jirrisulta li l-kawzali ta' self *brevi manu* bejn il-kontendenti mhuwiex ippruvat u il-kawza, ibbazata fuq din il-kawzali, ma tistax treggi. Da parti tal-konvenut, giet sollevata in-nullita' tal-obbligazzjoni *stante causa illecita* konsistenti f'debitu ta' loghob illegali u klandestin, liema eccezzjoni wkoll giet ikkonsidrata mill-Qorti.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-ewwel punt, li ghandu jigi determinat hu jekk il-kawzali dedotta fic-citazzjoni hija sorretta mill-provi. Filwaqt li l-attur jghid li silef il-flus lill-konvenut, dan*, da parti* tieghu, jghid li mhux minnu, u li l-ammont reklamat jirrapprezenta garanzija ghall-hlas ta' somma akbar dovuta minn ibnu Mark Chetcuti, fuq loghob klandestin u illegali.

### Mutuum

Skont **l-Art 1842 tal-Kap 16 –** Il-mutwu jew self għall-konsum huwa kuntratt "*li bih waħda mill-partijiet*

---

[7] A fol. 60 tal-process.

*tikkunsinna lill-oħra xi kwantita' ta` ħwejjeg li jintemmu bl-uzu, bl-obbligu ta` min jissellef li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor ta` l-istess xorta u kwalita*. "

Din il-kawzali, ghalkemm imfissra fic-citazzjoni, mhiex sostnuta u sahansitra rifjutata mill-attur li, fix-xhieda tieghu qal kategorikament li silef il-flus lil Michael Bonnici (enfasi tal-Qorti). Qal ukoll li Mark Chetcuti issemma' mieghu izda "*la jafu u lanqas tkellem mieghu*". Lanqas kien jaf ghaliex il-hlasijiet jew cekkijiet illi hargu f'isem Mark Chetcuti ghaddew ghandu. Qal ukoll li qatt ma ta flus kemm lill-konvenut u lanqas lil ibnu. Xehed minghajr tlaqliq li "*Michael Bonnici kien debitur tieghu w ic-cekkijiet li originarjament inghaddu lili kienu parti mill-ammont li Michael Bonnici kellu jaghti*."

Dan hu kkorroborat minn Michael Bonnici meta xehed li ried il-flus ghalih u mbaghad ghaddihom lil Mark Chetcuti. Ikkonferma li la l-konvenut u lanqas ibnu ma sselfu l-flus minghand l-attur u li kien hu li kien issellef minghandu.

Ghalhekk jirrizulta a sodisfazzjoni tal-Qorti li jekk kien hemm ftehim ta' self, dan kien jopera strettament bejn l-attur u Michael Bonnici.

Kif gustament josserva l-konvenut fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu, il-Qorti hija marbuta mal-kawzali dedotta fic-citazzjoni. Hu maghruf, u anke accettat, in *linea* ta’ principju generali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri (**Kollez. Vol.XLII pI p86**).

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “**Frendo vs Mallia**” deciza fit-18 ta’ Mejju, 1982, “*issa kif inhu risaput fil-kaz ta’ kawzi quddiem il-Qrati Superjuri, il-Qorti ghandha toqghod ghall-kawzalijiet kif dedotti fic-citazzjoni, li ma jistghux jigu mibdula fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, u t-talba jew talbiet ma jistghux jigu milqugha fuq kawzali jew kawzalijiet differenti minn dawk dedotti fic-citazzjoni*”.

Dan l-istess principju gie ribadut fil-kawza “**Mizzi noe vs Pace noe**” deciza ukoll minn din il-Qorti fit-3 ta’

Novembru, 1982, fejn intqal li "*kif inhu risaput, din il-Qorti, bhala Qorti ta' gurisdizzjoni superjuri, ghandha toqghod biss fuq il-kawzali jew kawzalijiet kif dedotti fic-citazzjoni, u ma tistax tiddeciedi fuq cirkostanzi u fatti ohrajn li ma jidhlux f'dak il-kawzali jew kawzalijiet*." Ara ukoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kaz fl-ismijiet "**Giuseppe Debono vs Chev. Antonio Cassar Torreggiani"** moghtija fil-5 ta' Dicembru 1952 fis-sens li *"l-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tad-domanda jew domandi; u s-sentenza ghandha tkun konformi ghad-domanda".*

Fi kliem iehor il-kawzali tad-domanda hija dik espressa fic-citazzjoni u mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni (**Kollez.Vol. XXXIV pI p108).**

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal **Alice Amato noe vs Vivian B. De Gray noe et." -** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru 1958 Vol. XLII.i.587; "**Profs. Joseph Galea noe vs Dr. Antonio Bonnici et." -** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru 1961, Vol. XLV.i.336; u **John Grech vs**
**Saviour Abela** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta'Jannar 1996.

Kif gie rilevat, il-*causa petendi* hija is-self *brevi manu* <u>lill-konvenut</u>, filwaqt li l-oggett tal-kawza, ossia l-*petitum,* tikkonsisti fit-talba ghar-restituzzjoni tas-somma mislufa <u>mill-konvenut bhala id-debitur tal-attur</u>. Kif gja ikkostatat, jirrizulta li l-konvenut mhuwiex id-debitur ta' Charles Bartolo in kwantu la hu, u lanqas ibnu, ma ssellfu flus minghandu.

Ghal dawn il-motivi biss din il-kawza ma tistax tirnexxi. Fl-istadju ahhari tal-proceduri, giet sollevata il-kawzali tan-*novatio* mill-attur. Din is-sottomissjoni ser tigi ikkonsidrata iktar il-quddiem.

**Eccezzjoni ta' *Causa Illecita***

Il-konvenut ssolleva l-eccezzjoni ta' *causa illecita* ghaliex is-somom raffigurati fic-cekkijiet mghoddija lill-attur

jirraprezentaw garanzija ghall-hlas dovut fuq loghob klandestin u illegali.

Qabel ma tezamina din l-eccezzjoni, ikun utili li tezamina is-sottomissjoni ta'  novazzjoni issollevata mill-attur kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili li jirregolaw il-loghob u l-imhatri.

- **Novazzjoni**

L-attur jghid li kien hemm novazzjoni tad-dejn dovut minn Mark Chetcuti. Difatti jirrizulta mill-provi li l-konvenut assuma id-dejn li kien ghamel ibnu. Izda gja ikkonsidrat li id-dejn kien bejn Mark Chetcuti u Michael Bonnici. Kien dan Bonnici li ghadda ic-cekkijiet tat-tifel lill-attur. Meta dawn ma setghux jissarrfu, u, skont ix-xhieda tal-konvenut, ikkorroborat minn dak ta' Mark Chetcuti, wara hafna theddid, ic-cekkijiet originali gew sostitwiti b'sensiela ta' cekkijiet mahrugin mil-konvenut pagabbli lill-attur. B'hekk Charles Bartolo iddikjara li radd lura lill-konvenut ic-cekkijiet mahrugin mit-tifel li gew sostitwiti bic-cekkijiet rilaxxjati mill-konvenut. L-attur qal "*Victor Chetcuti tani c-cekkijiet l-ohrajn biex jaghmel tajjeb minflok ic-cekkijiet ta' qabel".* Dan jinsab ikkonfermat mill-konvenut u minn Bonnici. Ma sarx ftehim gdid bejn il-konvenut u l-attur.

Taht dan l-aspett, l-attur huwa korrett meta jissottometti li kien hemm novazzjoni *ex parte debitoris* a tenur tal-artikolu 1179 u 1180 tal-Kap.16 ghaliex il-konvenut, meta assuma id-dejn ta' ibnu, heles lit-tifel u ma dahalx biss bhala garanti ghalih. Izda b'rizultat ta' dan, in-novazzjoni xorta ma tohloqx rapport guridiku dirett ta' kreditur u debitur bejn Charles Bartolo u l-konvenut. Il-konvenut dahal fiz-zarbun tat-tifel ibnu bhala debitur ta' Bonnici u mhux ta' Bartolo. L-iktar li jista’ isostni l-attur huwa li l-konvenut kien delegat mid-debitur tieghu (Michael Bonnici) biex jaghmel il-pagamenti direttament lill-attur permezz tac-cekkijiet li gew rilaxxjati*.*

*Inoltre,*  jekk jirrizulta li l-obbligu tat-tifel hu null minnhabba *causa illecita* allura anke dak assunt mill-missier hu null.

Difatti l-awturi jiddistingwu bejn nullita' tal-obbligazzjoni originali u l-annullabilita' taghha. Fl-ewwel kaz, in-novazzjoni hija wkoll nulla minnhabba *causa illecita.* Fejn l-obbligazzjoni originali hija annullabbli, tista' issir novazzjoni jekk id-debitur kien konsapevoli li l-vizzju seta' iwassal ghall-annullabilita' taghha[8].

Ghalhekk jekk l-obbligazzjoni assunta minn Mark Chetcuti *vis-a-vis* Michael Bonnici hija nulla minnhabba *causa illecita*, isegwi li anke l-obbligazzjoni tal-konvenut hija wkoll nulla.

**Loghob tal-Azzard**

Dwar il-loghob tal-azzard, jigi ribadit li l-loghob ta' l-azzard huwa projbit taht is-sistema guridiku taghna infatti l-**artikolu 338 tal-Kodici Kriminali** jaghmilha kontravenzjoni l-partecipazzjoni f'loghob simili.

Il-Kodici Civili ta' Malta tirregola il-loghob u l-imhatri f'disposizzjonijiet specjali. Il-Kodici ma tirrendix illegali *per se* l-loghob tal-azzard imma tippriva l-kreditu minnu naxxenti mill-protezzjoni ta' azzjoni legali anke meta il loghob mhuwiex projbit. F'dan is-sens insibu l-artikolu **1713 tal-Kap 16** li jghid li l-ligi ma taghti ebda azzjoni ghal dejn ta' loghob, jew ghal hlas ta' mhatra. Id-*denegatio actionis* jestendi wkoll ghall-azzjoni ghar-restituzzjoni ta' somom mislufin ghal-loghob, jekk il-kreditur kien jaf li s-somma mislufa kienet ser isservi ghall-loghob, jew ghall-hlas tat-telf rizultanti mill-loghob (**art. 1713 (2)(a)u(b)).** In kwantu li huma privi minn dritt ta' azzjoni, il-loghob u l-imhatri huma illegali, ghalkemm l-awturi kontinentali jsostnu li jinholoq obbligazzjoni morali jew naturali b'mod it-tellief ma jkunx jista' jitlob ir-restituzzjoni tal-ammont mitluf[9]. Lanqas daqshekk ma ried jikkoncedi l-legislatur Malti, li ddipartixxa mill-iskema kontinentali meta ta' dritt

---

[8] Vide *Andrea Torrente* op.cit. p 416 para 248.Ara ukoll **Planiol et Ripert:"***Traite' Pratique de Droit Civil Francais,* XI.pp 556 li jittratta dwar "l-*exception de jeu"* u jghid li in-novazzjoni ex parte debitoris xorta ma jaghtix dritt ta' azzjoni lil min issellef flus intizi ghall-loghob, liema dritt hu negat mil-legislatur Franciz, (kif ukoll minn dak Malti).
[9] Salv fil-kaz ta' frodi u *mala fede.*

ta' ripetizzjoni lit-tellief purke' li tigi prezentata ittra gudizzjarja interpellatorja fi zmien xaharejn mill-hlas (**art. 1716 Kap.16)**.

Ghalhekk jekk il-kreditu assunt mill-konvenut, jitqies li hu kreditu tal-loghob, dak il-kreditu mhuwiex protett bi dritt ta' l-azzjoni.

Il-kliem *debitu tal-loghob* gew definiti bhala "*Kull debitu li ghandu kawza mill-loghob jew il-loghob bhala skop u hu funzjonalment kollegat mieghu." Ara* **"Av. Dr. Joseph Cassar noe -v-Joseph Grech Marguerat" -***Qorti ta' l-Appell per Sir. Anthony Mamo - deciz fit-23 ta' Gunju 1967* - fejn il-Qorti ittrattat it-tema fid-dettall u b'mod komparattiv. F'dan il-kaz, il-Qorti, wara li kkunsidrat l-ispirtu u ntenzjoni tal-Kodici dezunt mid-disposizzjonijiet tieghu, ikkonkludiet li "*l-kreditu jista', skont ic-cirkustanzi, jitqies li huwa konness mal-loghob anke jekk il-loghob stess jew parti minnu ma sarx direttament bejn l-appellat u l-appellant*."[10]

*Inoltre* l-artikolu **1715** jippreskrivi li kull ftehim maghmul biex jinharbu d-disposizzjonijiet ta' l-ahhar zewg artikoli huwa null.

***Causa Illecita***

Obbligazzjoni li ghandha *causa illecita*, mhiex biss sprovvista mid-dritt ta' azzjoni imma hija nulla.

Il-Qorti taghmel riferenza ukoll ghad-dispost ta' l-**artikolu 987 tal-Kodici Civili (Kap. 16)** li jistipula illi:-

*"L-obbligazzjoni minghajr kawza, jew maghmula fuq kawza falza jew illecita, m'ghandha ebda effett".*

---

[10] Ara ukoll sentenza moghtija mill *Corte di Cassazione* Taljana citata fil-*Codice Civile Annotato* tal-awturi **Torrente, Pescatore e Ruperto** (pp 1898 n.7.) riferibbilment ghall-art.1933 tal-Kodici Civili Taljan simili ghall-art.1713 tal-Kap 16, fejn gie ritenut li "*Appartengono*[10] *alle categorie di debiti di giuoco quelli che, pur derivando da negozi diversi del contratto di giuoco,sono pero' tali da costituire mezzi e modi di esecuzione di giuoco"-Cass. 31/5/1951, n.1389 -Foro It., 1952,215,*

U kif jirrizulta mill**-artikolu 990 tal-Kap 16: "***Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-egħmil xieraq jew għall-ordni pubbliku*". Ma hemm ebda dubju li dan l-artikolu japplika ghall-loghob tal-azzard.

Kif gie ribadit mill-Qrati taghna "*Huwa risaput li l-loghob (bhall-imhatri li l-ligi taghna tikkonsidra konguntament) jirraprezenta l-grad estrem tal-aleatorjeta', u mill-punto di vista tal-ordni pubbliku, (nehhi dak li jikkontribwixxi ghad-destrezza u l-esercizzju tal-gisem) jipprezenta gravi perikli ghas-socjeta' bl-allettament ta' qliegh facli li mbaghad gie li jwassal ghad-dilapidazzjoni ta' patrimonji shah."*[11]

Kif jghidu l-awturi[12] "*La jurisprudence annule les contrats conclus en vue de favoriser le jeu, generateur de disordres."*

Il-qrati taghna dejjem irritenew li n-nullita' ta' kuntratt u konsegwentement l-obbligazzjoni naxxenti minn dak il-kuntratt tista' tigi dedotta per *via* d'eccezzjoni u mhux mehtieg li, tigi dedotta b'azzjoni, u dana meta dik in-nullita' hija espressament stabbilita mil-ligi. Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "**Elena Agius vs Giuseppe Ciancio" -** deciza fit-3 ta' Frar 1936 hekk esprimiet ruhha:-

"*Il-kelma nullita' hija uzata fix-xjenza guridika f'zewg sensi, wiehed fis-sens proprju ta' "inezistenza", jigifieri kuntratt null ma jkunx jezisti u qiesu qatt ma sar, u l-iehor ta' "annullabilita'", jigifieri meta l-kuntratt jew att iehor jista' jezisti u jibqa' jsehh sakemm ma jigiex imhassar u mwaqqa' ghal xi raguni li ssemmi u trid il-ligi. Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati hija kostanti li tirritjeni li meta l-kwistjoni hija ta' nullita', il-konvenut f'kawza jista' jqajjimha b'eccezzjoni, izda jekk hija wahda ta' annulabilita' hu ma jistax igibha 'l quddiem hlief b'kawza separata 'ad hoc'*." Difatti huwa pacifiku li din in-nullita' tista' anke tigi sollevata mill-Qorti *ex ufficio.*[13]

---

[11] Cassar noe v Grech Marguerat fuq citat.

[12] Planiol et Ripert *op.cit.*pg 285

[13] **Vol XLlD.p.684(** PA) : fl-ismijiet "**Charles Pace et -vs-Philip Agius**" et.

Illi kif diversi drabi gie deciz minn din il-Qorti u mill-Qorti ta' l-Appell (Ara ad es. sentenzi "**Reman -vs-Papa**" -21 ta' Marzu 1933 ; "**Portanier -vs Overend"** -14 ta' Dicembru 1934; u "**Smith -vs-Lawrence"** - Qorti tal-Appell tal-15 ta' Mejju 1931;) "*jekk il-kawza tal-hlas tal-flus jew tal-oggetti ghandha rapport dirett mal-konkubinat (aqra' hawn "loghob illegali"), allura l-obbligazzjoni hija nulla; jekk il-flus gew mislufa fi zmien il-konkubinat, imma bhala negozju indipendenti, allura huwa validu. Pero', kif il-gurisprudenza taghna kemm estera, u d-dottrina wkoll dejjem irriteniet, dina hija kwistjoni unikament ta' fatt illi ghandha tkun ezaminata minghand il-gudikant f'kull kaz specifiku skont ic-cirkustanzi ta' dak il-kaz, ghaliex f'materja hekk delikata dawn ic-cirkustanzi jistghu jkollhom importanza deciziva fil-kwistjoni. Hekk f'din il-materja* **l-Venzi** (*Diritto Civile, No. 423*) jghid:-"*In generale la causa e' illecita quando e'contraria alla legge, al buon costume, all'ordine pubblico, quando cio' si verifichi nei singoli casi e' rimesso al prudente apprezzamento del giudice*."

X'jigri jekk wiehed biss mill-partijiet ikun konsapevoli tal-illegalita ' jew immoralita'? Id-duttrina tiddistingwi bejn il-kaz fejn l-illegalita' jew immoralita' hija unilaterali u fejn hija bilaterali. Jekk iz-zewg partijiet huma konsapevoli, allura japplika il-principju *in pari causa turpitudinis melior est condicio possidentis: nemo auditur propriam turpitudinem alligans*. Ghaldaqstant hija negata l-azzjoni liz-zewg partijiet mentri fejn l-immoralita' jew l-illegalita' hija biss ta' min jircievi l-flus (l-*accipiens)*, u allura min qed jaghti il-flus huwa innocenti, r-restituzzjoni hija ammessa. Dan il-princjipju hu addottat mill-legislatur taghna fl-artikolu **991** tal-Kap 16.

Jekk jirrizulta ippruvat li s-somma mitluba hija konnessa mal-loghob tal-azzard, jew tirrizulta minn obbligazzjoni li titqies li hija nulla skont il-Ligi, ma jiswix li l-kreditur isostni li d-debitur ammetta id-dejn, jew li hallas permezz ta' cekkijiet ghaliex xorta japplikaw ir-regoli hawn fuq citati.

**Hlas' *pro solvendo'.***

Rigward ir-rilaxx tac-cekkijiet, jekk dan jitqies li jekwivali ghall-pagament allura l-valur tac-*cheques* jitqies approprijat fil-patrimonju tal-attur. Izda jirrizulta minn ezami tac-citazzjoni li l-pretensjoni tal-attur mhiex ibbazata fuq ic-*cheques* bhala titolu awtonomu tal-kreditu pretiz minnu imma hija bazata fuq *ir-rapport* fondamentali li allegatament sehh bejn il-partijiet konsistenti f'self *brevi manu.*

*Inoltre,* gie ritenut mill-Qrati taghna [14] li r-rilaxx ta' *cheque* rigward dejn ta' loghob (*assumendo* ghalissa li l-kaz prezenti *si tratta* ta' dejn ta' loghob) ma jikkostitwixxix pagament ghall-finijiet tas-"*soluti retentio"* imma biss mezz biex il-pagament jista' jigi konsegwit u b'hekk ir-rilaxx ta' *cheque* huwa biss promessa ta' hlas.

Fl-istess sens, jghidu l-awturi ***Torrente, Pescatore u Riperto***[15] : "*La trasmissione e la consegna di un assegno bancario  da parte del debitore al creditore, avvenendo normalmente ' pro solvendo e non pro soluto' non costituisce pagamento, ma  un mezzo per conseguirlo, con l'effetto di lasciare sussistere la obbligazione del traente  verso il prenditore. Pertanto la consegna di quel titolo da parte del debitore al creditore a copertura di un debito di giuoco importa una semplice promessa di pagamento che lascia in vita il debito di giuoco..."*[16]

L-oneru tal-prova fil-kaz odjern jinkombi fuq il-konvenut.

Il-konvenut jghid li ibnu dahal fil-piz tad-dejn minnhabba loghob klandestin konsistenti f'*"loghob fuq football u l-Lottu."* Jirrizulta mhux ikkontestat li l-attur kien *licensed bookmaker* il-Marsa. Izda dan mhux il-kaz ta' Michael Bonnici.

Huwa minnu li kien "jghin" lill-attur fl-attivita' tieghu. Izda mix-xhieda tal-konvenut, ikkorroborat minn dak ta' Mark Chetcuti, johrog li l-loghob sar direttament ma' Bonnici, li ma jirrizulta minn imkien li hu licenzjat ghall-loghob. *Inoltre*

---

[14] Cassar noe.v Grech Marguerat fuq citat.
[15] *Op.cit.* p.1898 n.8
[16] Cass. 4.Ott.1962, n.2801,

jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut u ta' ibnu li il loghob ma kienx konness maz-zwiemel tal-Marsa imma kien loghob klandestin fuq football, lottu u Super 5.

Michael Bonnici cahad kategorikament li kien "*runner*" ghall-attur jew li kien jaghmel xi attivita' illegali. Dan, izda, hu kontradett mill-konvenut li jghid li Bonnici stess qallu li "*kull ma kien ir-'runner' ta' Charles Bartolo."* Victor Chetcuti xehed ukoll li *"Ghidtlu (lil Bartolo) ghaliex hallieh jilghab daqshekk...u Charles heles minnha u qalli 'mhux jiena, ma' dak laghabt u mhux mieghi.."* b'riferenza ghal Michael Bonnici.

Mark Chetcuti, iben il-konvenut, xehed li "*Michael Bonnici li kien jafu, qallu li kien qed izomm xi football, lotto u super 5"* u beda jilghab mieghu. "*Ghal bidu kien jilghab ammonti zghar..loghob tal-karta li kien illegali."*

Jigi rilevat li l-konvenut onora id-dejn ta' ibnu sakemm seta' u hallas lill-attur ammont konsiderevoli. Il-linja li dejjem ha ma kienx li ma riedx ihallas, imma li ried izjed zmien. Kontrarjament ghal dak li ghamel ibnu, il-konvenut hareg is-sensiela ta' cekkijiet bl-intenzjoni, mhux li jirbah iz-zmien, imma li ihallas, u b'hekk jehles lit-tifel mill-inkwiet u mit-theddid. Din il-Qorti ghalhekk m'ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-genwinita' tieghu li hija anke kkorroborata minn Fr. Mario  Borg li kkonferma s-sekwenza tal-fatti.

Imbaghad il-mod kif zvolgew il-fatti jkompli jsostni l-verzjoni tal-konvenut. Per ezempju, Charles Bartolo qal li ma kienx jaf minn kien Mark Chetcuti. Li kieku dan kien qed jilghab il-loghob offrut mill-attur bhala *licensed bookmaker*, *tramite* s-servizzi ta' Bonnici, din il-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-attur ikun jaf min hu, ghaliex hu mistenni li l-attur, negozjant fl-loghob lecitu,  jaf min huma id-debituri tieghu tal-loghob, specjalment dawk li tilfu ammonti sostanzjali. Ghalhekk il-fatt li iben il-konvenut kien assolutament injot ghall-attur, jinduci lill-Qorti biex temmen li l-loghob verament sar ma' Bonnici f'attivita' indipendenti minn dik tal-attur, mhux kopert b'licenzja, u ghalhekk illegali.

Bonnici, da parti tieghu, xejn ma jimpressjona bhala bniedem kredibbli. Biss biss skont kif ammetta hu stess, gideb lill-attur meta qallu li ried l-ammont hekk sostanzjali ta' Lm30,000 ghalih, u ma semmielu xejn li kienu ghad-dejn ta' Mark Chetcuti. Ghalhekk il-verzjoni tal-konvenut, li hija konsistenti u korroborata minn dik ta' ibnu u ta’ Fr. Mario Borg, hija iktar kredibbli u verosimili. Iben il-konvenut waqa' f'nasba ta' loghob klandestin li wasslu fix-xifer ta' disperazzjoni minnhabba l-ammont kbir tad-dejn tieghu. Dan ma kienx dejn assunt "*minnhabba problemi familjari"* kif asserixxa Bonnici, imma dejn tal-loghob, tant li dahal f'programm appositu ghan-nies li jbatu mill-marda tal-loghob (Ara xhieda ta' Fr. Mario Borg). Il-Qorti hija konvinta ghalhekk li d-dejn assunt minn iben il-konvenut, u konsegwentement dak assunt mill-konvenut, kien dejn tal-loghob, rizultanti minn telf subit fil-loghob illegali kondott minn Bonnici stess.

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti hija soddisfatta li c-cirkostanzi kienu certament tali illi jnisslu aktar minn sospett ragonevoli illi l-ammont reklamat mill-konvenut kellu origini mill-loghob illegali. Per konsegwenza, l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut hija nulla minnhabba *causa illecita.*

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** l-eccezzjonijiet tal-konvenut **tichad** it-talbiet attrici.

L-ispejjez jithallsu mill-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------